IL-KNISJA F'MALTA

www.thechurchinmalta.org



# Viżta Pastorali tal-Arċisqof

## fil-Parroċċa ta' San Sebastjan

### Ħal Qormi

FIDELIS ET VERAX

25 – 27 TA' MARZU 2017

**Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fl-okkażjoni tal-Viżta Pastorali fil-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi**

Għeżież membri tal-Parroċċa ta' San Sebastjan,

Huwa ta' ferħ kbir għalija li nibda l-Viżta Pastorali fl-Arċidjoċesi ta' Malta minn din il-Parroċċa għażiża fejn jiena għext minn meta kelli ħdax-il xahar sakemm għalaqt sittax-il sena. Fil-Parroċċa ta' San Sebastjan Ħal Qormi jiena kelli l-grazzja nirċievi għall-ewwel darba lil Ġesù fl-Ewkaristija, u rċivejt ukoll is-Sagrament tal-Griżma. Kif ħafna Qriema jafu, il-familja tal-maħbub papà tiegħi, Emmanuel, hija minn Ħal Qormi, u dan ir-raħal huwa parti mill-patrimonju mhux biss kulturali imma anke ġenetiku tiegħi.

Ser nieħu pjaċir ħafna niltaqa' magħkom - aħna nafu 'l xulxin. Imma nixtieq niltaqa' magħkom bħala l-Isqof tagħkom li huwa msejjaħ minn Ġesù biex jagħti ħajtu għalikom, niltaqa' magħkom bħala komunità Nisranija, niltaqa' magħkom bħala Insara li jgħixu fit-territorju ta' Ħal Qormi, b'impenn li x-xhieda sabiħa ta' San Sebastjan tibqa' attwali llum u għall-ġenerazzjonijet futuri.

Ser niltaqa' mat-tfal, ser niltaqa' maż-żgħażagħ, ser niltaqa' magħkom ilkoll, b'mod speċjali l-morda u l-anzjani. Nixtieq li l-laqgħa tiegħi u ż-żjara tiegħi fostkom bħala l-Isqof tagħkom tkun esperjenza sabiħa għal kull wieħed u waħda minnkom.

Il-Mulej iberikkom.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

# Stedina

## Is-Sibt 25 ta' Marzu

| | |
|---|---|
| 4:30 p.m. | L-Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Qrar fil-Knisja Parrokkjali. |
| 5:15 p.m. | L-Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u jiltaqa' ma' dawk preżenti. |

## Il-Ħadd 26 ta' Marzu

| | |
|---|---|
| 9:15 a.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-katekisti għal laqgħa ta' djalogu fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| 10:15 a.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| 11:00 a.m. | L-Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u jiltaqa' ma' dawk preżenti. |
| 12:30 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mas-saċerdoti tal-Parroċċċa fid-dar tal-Kappillan. |
| 7:00 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' maż-żgħażagħ tal-Parroċċa għal laqgħa ta' djalogu fiċ-Ċentru Parrokkjali. |

## It-Tnejn 27 ta' Marzu

| | |
|---|---|
| 5:30 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-adolexxenti tal-Parroċċa li qed iħejju għas-sagrament tal-Griżma, fil-Kripta tal-Knisja. |
| 6:45 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-operaturi pastorali tal-Parroċċa u mas-Sorijiet Agostinjani għal laqgħa ta' djalogu fiċ-Ċentru Parrokkjali. |

